

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta' Jannar 2012 (Każ R 1209/2011-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal tridimensjonali kkostitwit minn forma ta' għodda għall-issikkar ta' kamin (turnbuckle) bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Peri GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 184, 23.06.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Ottubru 2014 – Spraylat vs ECHA**

(Kawża T-177/12) (<sup>1</sup>)

**(REACH — Ħlasijiet dovuti għar-reġistrazzjoni ta' sustanza — Tnaqqis mogħti lill-impriża mikro, żgħar u ta' daqs medju — Żball fid-dikjarazzjoni dwar id-daqs tal-impriża — Deċiżjoni li timponi spiża amministrattiva — Proporzjonalità)**

(2014/C 395/44)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Spraylat GmbH (Aix-la-Chapelle, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Fischer, avukat)

**Konvenuta:** L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: M. Heikkilä, A. Iber u C. Schultheiss, aġenti, assistiti minn M. Kuschewsky, avukat)

**Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment D. Düsterhaus u E. Manhaeve, sussegwentement B. Eggers u M. Manhaeve, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tal-Fattura Nru 10030371 maħruġa mill-ECHA fil-21 ta' Frar 2012, li tistabbilixxi l-ammont tal-ispiża amministrattiva imposta fuq ir-rikorrenti u, bħala miżura kawtelatorja, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni SME (2012) 1445 tal-ECHA, tal-15 ta' Frar 2012, li tikkonstata li r-rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiżiti biex tibbenefika mit-tnaqqis fil-ħlasijiet previst għall-impriża żgħar u li timponilha ħlasijiet amministrattivi.

**Dispożittiv**

- 1) *Id-Deċiżjoni SME (2012) 1445 tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), tal-15 ta' Frar 2012, u l-Fattura Nru 10030371, maħruġa mill-ECHA fil-21 ta' Frar 2012, huma annullati.*
- 2) *L-ECHA hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha u għal dawk sostnuti minn Spraylat GmbH.*
- 3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 174, 16/06/2012.